MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Awwissu 2021**

**Kumpilazzjoni numru 128/2021CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**Vs**

**Josselin Aziz Francois Samir Dieudonne**
**(Passport Franċiż numru 17AV95289)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Josselin Aziz Francois Samir Dieudonne** li ġie akkużat talli nhar il-31 ta' Lulju 2021 ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*Cannabis Grass*) f'Malta, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*Cannabis Resin*) f'Malta, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni tal-imputat u rat id-dokumenti esebiti, tqis li l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-ammont ta' sustanza illeċita misjuba fuq l-imputat u s-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni illi l-ammont elevat jista' jitqies bħala li kien għall-użu personali.

Illi għaldaqstant il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi piena monetarja hija idoneja.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8 (a) u (d), artikolu 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat **Josselin Aziz Francois Samir Dieudonne** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500).

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esibita u għalhekk tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Reġistratur tal-Qorti għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn meta ssir tali distruzzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur